Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2079(INI)

3.2.2025

EMENDI
1 - 326

Abbozz ta' rapport
Lara Wolters
(PE765.240v01-00)

Il-politika tal-kompetizzjoni - rapport annwali 2024
(2024/2079(INI))

Emenda 1
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tat-TFUE, li jagħti mandat għall-integrazzjoni tal-protezzjoni ambjentali fil-politiki kollha tal-UE bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli,

Or. en

Emenda 2
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 62/2023 ta' Frar 2023 "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti",

Or. en

Emenda 3
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999,

Or. en

Emenda 4
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 98/2020 ta' Marzu 2020 "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva",

Or. en

Emenda 5
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 li tipprevedi li s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili, għandhom jitneħħew gradwalment mingħajr dewmien,

Or. en

Emenda 6
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 21/2020 ta' Jannar 2020 "Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli - Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew",

Or. en

Emenda 7
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet ewlenin 4 u 5 fir-Rapport ta' valutazzjoni 2024 tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima,

Or. en

Emenda 8
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra s-sentenzi tal-	– wara li kkunsidra s-sentenzi tal-

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Settembru 2022 fil-Kawża C-611/22 P (Illumina vs il-Kummissjoni)[2], tal-10 ta' Settembru fil-Kawża C-465/20 P (Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International)[3] u tal-10 ta' Settembru 2024 fil-Kawża C-48/22 P (Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni)[4] **,**	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Settembru 2022 fil-Kawża C-611/22 P (Illumina vs il-Kummissjoni)[2], tal-10 ta' Settembru fil-Kawża C-465/20 P (Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International)[3] u tal-10 ta' Settembru 2024 fil-Kawża C-48/22 P (Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni)[4]***, u fil-Kawża COMP/M.6166 (Deutsche Börse/NYSE Euronext)[4a],***
[2] Appell imressaq fit-22 ta' Settembru 2022 minn Illumina Inc. kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża 62021TJ0227, Illumina vs Il-Kummissjoni, ĠU C 432, 14.11.2022, p. 13.	[2] Appell imressaq fit-22 ta' Settembru 2022 minn Illumina Inc. kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża 62021TJ0227, Illumina vs Il-Kummissjoni, ĠU C 432, 14.11.2022, p. 13.
[3] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2024, Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International, 62020CJ0465, ECLI:EU:C:2024:724.	[3] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2024, Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International, 62020CJ0465, ECLI:EU:C:2024:724.
[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2024, Google LLC u Alphabet Inc. vs il-Kummissjoni Ewropea, 62022CJ0048, ECLI:EU:C:2024:726.	[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2024, Google LLC u Alphabet Inc. vs il-Kummissjoni Ewropea, 62022CJ0048, ECLI:EU:C:2024:726.
	[4a] Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2012, indirizzata lil Deutsche Börse u NYSE Euronext, M.6166.
	Or. en

Emenda 9
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni bit-titolu "The role of commodity traders in shaping agricultural markets",

ippubblikat f'Novembru 2024,

Or. en

Emenda 10
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Competition merger brief", Ħarġa 4, Novembru 2024,

Or. en

Emenda 11
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;	A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli***, ikkaratterizzat min-nuqqas ta' kumpaniji ta' skala suffiċjenti fl-UE[1a],*** jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;
	[1a] The future of European competitiveness Part B | In-depth analysis and recommendations, il-Kapitolu 4 - Revamping competition, p. 298.

Or. en

Emenda 12

Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. ***billi*** kuntest ġeopolitiku ***diffiċli jirrikjedi*** approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;	A. ***iqis li l-kuntest*** ġeopolitiku ***attwali, flimkien ma' ċerti deċiżjonijiet adottati fil-livell Ewropew li laqtu b'mod ħażin lill-ekonomija taż-żona tal-euro jirrikjedu*** approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;

Or. es

Emenda 13
Lídia Pereira, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***kuntest*** ġeopolitiku diffiċli jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;	A. billi ***l-kuntest*** ġeopolitiku diffiċli***, ikkaratterizzat minn inċertezza u nuqqas ta' prevedibbiltà,*** jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea ***u strateġiji konkreti biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku***;

Or. en

Emenda 14
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;	A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli***, b'nuqqas ta' tkabbir ekonomiku u b'livell baxx ta' produttività,*** jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 15
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli ***jirrikjedi*** approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;	A. billi kuntest ***ekonomiku u*** ġeopolitiku diffiċli ***u l-kriżi klimatika jirrikjedu*** approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 16
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kompetizzjoni ġusta u miftuħa tirrappreżenta element essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, għat-tkabbir ekonomiku, għall-innovazzjoni, għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol u għall-protezzjoni tal-konsumaturi;

Or. it

Emenda 17
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Aa. billi l-isfidi tat-tibdil fil-klima li qed imorru għall-agħar u r-riskji dejjem akbar marbuta mal-bijodiversità jirrikjedu bidla profonda fil-politiki industrijali u fil-mod kif tista' tinħoloq il-kompetittività;

Or. en

Emenda 18
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti;	B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti***, billi dawn l-għanijiet jintlaħqu permezz tat-tisħiħ tas-suq uniku, li jiżgura kompetizzjoni effettiva peress li jelimina l-ostakli għad-dħul, ikattar l-innovazzjoni u jippermetti li r-riżorsi jiġu distribwiti b'mod effiċjenti abbażi tas-sinjali tal-offerta u tad-domanda, billi l-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni għandu jipproteġi wkoll kundizzjonijiet ugwali bejn l-operaturi ekonomiċi tas-suq, jiġġieled kontra l-abbuż minn pożizzjoni dominanti, il-monopolji u l-prattiki li jmorru kontra l-kompetizzjoni li jistgħu joħolqu distorsjoni tal-funzjonament tas-suq intern***;

Or. es

Emenda 19
Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE ***jwassal*** għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti;	B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE***, fl-oqsma mhux regolatorji, iwassal*** għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti ***li jippermettu l-prosperità tas-setturi industrijali fit-tul***;

Or. fr

Emenda 20
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti***;	B. billi ***titqies l-urġenza ta' xokk industrijali fl-Ewropa sabiex tlaħħaq ma' kemm waqgħet lura fil-konfront tal-kompetituri mhux Ewropej***;

Or. fr

Emenda 21
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni ***aktar mgħaġġla*** u ekonomija aktar reżiljenti;	B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, ***pagi ogħla***, ***prodotti u servizzi ta'*** kwalità ogħla, innovazzjoni ***mtejba*** u ekonomija aktar ***ġusta u*** reżiljenti;

Or. en

Emenda 22
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti;	B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, ***għażla akbar għall-konsumaturi,*** innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti;

Or. en

Emenda 23
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-UE fis-settur finanzjarju, tal-enerġija, u dak tal-komunikazzjoni elettronika huwa raġuni ewlenija għat-tnaqqis fil-kompetittività tal-Ewropa[2a]; billi l-integrazzjoni xierqa tas-Suq Uniku Ewropew f'dawn l-oqsma tagħmel lis-suq rilevanti għall-kompetizzjoni ħafna akbar; billi suq rilevanti akbar jagħti aktar lok lill-kumpaniji biex jespandu l-kompetizzjoni fuq livell globali filwaqt li fl-istess ħin isaħħu l-kompetizzjoni fis-Suq Uniku għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

[2a] Much More Than a Market: A vision for Europe's future. Enrico Letta, p. 8.

Or. en

Emenda 24
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-impenn tal-Amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti lejn spinta ġdida għall-estrazzjoni tal-enerġija fossili u għall-"abbundanza tal-enerġija" jissottolinja l-urġenza u l-ħeffa tat-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija ekoloġika, kif enfasizzat minn Mario Draghi, biex il-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu mal-kontropartijiet Amerikani;

Or. en

Emenda 25
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-rapport ta' Mario Draghi jissottolinja li l-UE għandha bażi ta' innovazzjoni industrijali wiesgħa u diversifikata, b'vantaġġ komparattiv qawwi fit-teknoloġiji ekoloġiċi, iżda li huma meħtieġa sforzi sostnuti sabiex jinżamm dak il-vantaġġ;

Or. en

Emenda 26
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-politika tal-kompetizzjoni tista' tikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq intern, kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Kumpass Diġitali u tal-Boxxla għall-Kompetittività;

Or. en

Emenda 27
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jeħtieġ li jaġixxu b'mod imparzjali u oġġettiv sabiex jippreservaw il-kredibbiltà tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 28
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-ekoloġizzazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni hija l-mutur ewlieni għall-prosperità Ewropea u għall-kompetittività fit-tul;

Or. en

Emenda 29
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-iskambju u l-kooperazzjoni internazzjonali huma essenzjali biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwivalenti globali u ta' kompetizzjoni u biex l-isfidi tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika jiġu indirizzati b'mod koordinat;

Or. en

Emenda 30
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-indipendenza politika tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni hija tal-akbar importanza biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-kredibbiltà tal-politika tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 31
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE fit-tul jirrikjedu l-integrazzjoni tal-

kunsiderazzjonijiet klimatiċi u ambjentali fil-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 32
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iqis li l-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol kruċjali fl-iżvilupp tan-negozji u fit-tkabbir tal-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs, fi ħdan is-suq uniku; ifakkar ukoll li l-iżvilupp sħiħ tal-impriżi jiddependi minn jekk jiġux eliminati l-ostakli għad-dħul, jekk jiġux miġġielda l-prattiki antikompetittivi, bħall-monopolji jew il-kartelli, u jekk jiġux żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi ekonomiċi kollha; jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni effikaċi għandha tevita regolamenti eċċessivi u piż amministrattiv sproporzjonat, tkattar l-innovazzjoni u tippermetti li l-impriżi jieħdu l-akbar vantaġġ mill-benefiċċji u l-opportunitajiet li jġib is-suq uniku;

Or. es

Emenda 33
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u

jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi; ***jenfasizza li l-protezzjoni tal-konsumaturi għandha tinkiseb permezz tal-ħolqien ta' suq li jippromwovi d-dħul ta' kompetituri ġodda, l-innovazzjoni u l-effiċjenza ekonomika, jevita prattiki abbużivi li jillimitaw l-offerta, jgħollu l-prezzijiet artifiċjalment jew li jimminaw il-kwalità tal-prodotti; jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tintervjeni kontra prattiki antikompetittivi u tevita regolamenti jew interventi sproporzjonati li jistgħu jħarbtu l-funzjonament liberu tas-suq jew joħolqu diżinċentiv għat-tkabbir tal-impriżi u għall-innovazzjoni;***

Or. es

Emenda 34
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi; ***billi jiġi żgurat li s-swieq jibqgħu kompetittivi u effiċjenti, dinamiċi u innovattivi, filwaqt li jiġu pprovduti prodotti u servizzi ta' kwalità għolja bi prezzijiet ġusti u b'marġnijiet ta' profitt raġonevoli;***

Or. en

Emenda 35
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi***, fit-tħeġġiġ tal-effiċjenza u tal-innovazzjoni, u fit-tnaqqis tal-prezzijiet***;

Or. en

Emenda 36
Pierre Pimpie, Aleksandar Nikolic, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq***, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi***;	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq ***filwaqt li jenfasizza fuq il-ħtieġa li ma tiġix imxekkla l-attività tal-atturi ewlenin li jistgħu jikkompetu ma' potenzi barra mill-Unjoni***;

Or. fr

Emenda 37
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u

jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi ***u l-kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern***[3a];
	[3a] Much More Than a Market: A vision for Europe's future. Enrico Letta, p. 8.

Or. en

Emenda 38
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li ***l-kompetizzjoni*** tal-UE tipproteġi kontra ***l-konċentrazzjonijiet*** u ***l-akkumulazzjonijiet*** ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni ***fil-protezzjoni tal-konsumaturi***;	1. Iqis li ***l-politika tal-kompetizzjoni*** tal-UE tipproteġi kontra ***livelli eċċessivi ta' konċentrazzjonijiet*** u ***akkumulazzjonijiet*** ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni ***li hija ta' benefiċċju għall-konsumaturi permezz ta' prezzijiet aktar baxxi u għażla usa'***;

Or. en

Emenda 39
Regina Doherty, Lídia Pereira, Dirk Gotink, Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li ***l-kompetizzjoni*** tal-UE ***tipproteġi kontra*** l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	1. Iqis li ***l-politika tal-kompetizzjoni*** tal-UE ***għandha tippromwovi l-innovazzjoni, id-dinamiżmu, u t-tkabbir, u tipprevjeni*** l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 40
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;	1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE ***tfittex li*** tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 41
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iwissi li l-influwenza politika eżerċitata fuq il-gvernijiet u l-elezzjonijiet mill-kumpaniji tat-teknoloġija kbira tal-Istati Uniti u mill-uffiċjali kap eżekuttivi tagħhom turi l-perikli li s-setgħa korporattiva eċċessiva toħloq għad-demokraziji; jappella għal politika kontra l-monopolji biex titreġġa' lura x-xejra kurrenti ta' żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq, il-monopolizzazzjoni u l-oligopolizzazzjoni u biex jiġu difiżi d-demokrazija u ċ-ċittadini mill-konsegwenzi ta' setgħa korporattiva eċċessiva;

Or. en

Emenda 42
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Isostni l-importanza ta' politika ta' kompetizzjoni b'saħħitha u koerenti, li tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta, tipprevjeni prattiki kontra l-kompetizzjoni u tiggarantixxi l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern Ewropew, għall-benefiċċju tal-intrapriżi u tal-konsumaturi;

Or. it

Emenda 43
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iqis li użu sproporzjonat tal-għajnuna mill-Istat jista' jtellef il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Unjoni;

Or. es

Emenda 44
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod	***imħassar***

partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

Or. de

Emenda 45
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid*** ta' għajnuna mill-Istat ***sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa***;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tiffoka fuq l-objettiv primarju tagħha stabbilit fit-Trattati; jinnota bi tħassib serju s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[4a] li hemm riskju li anke l-eżenzjonijiet temporanji għall-Qafas*** ta' għajnuna mill-Istat ***jista' jkollhom impatt aktar fit-tul fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern u li "hemm ukoll riskju li l-Istati Membri jistgħu jużaw il-qafas ta' kriżi u ta' tranżizzjoni jew oqfsa futuri oħra biex jattiraw investimenti minn Stati Membri li ma jipprovdux l-għajnuna"***; ***jistieden lill-Kummissjoni telimina gradwalment bis-sħiħ il-qafas ta' kriżi u tranżizzjoni, minħabba li la vvalutat b'mod adegwat il-ħtieġa tiegħu u lanqas ma evalwat ir-riskju ta' distorsjoni tas-suq intern, li jirriżulta mill-approċċi dejjem aktar varjati tal-Istati Membri fl-għoti ta' għajnuna mill-Istat permezz tiegħu, u b'hekk jiddgħajfu l-kundizzjonijiet ekwivalenti u l-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni, li huma essenzjali biex jiġu żgurati l-aqwa prodotti bl-aktar prezzijiet kompetittivi għaċ-ċittadini Ewropej kollha;*** ***[4a] Ir-Rapport Speċjali 21/2024: Għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi – Reazzjoni***

b'ħeffa iżda nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-Kummissjoni u inkonsistenzi fil-qafas biex jappoġġa l-objettivi tal-politika industrijali tal-UE, p. 46-50.

Or. en

Emenda 46
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent ***u d-diġitalizzazzjoni***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent***, id-diġitalizzazzjoni, id-difiża u l-agrikoltura***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa ***billi jippermetti lill-Istati Membri tal-UE jagħtu għajnuna mill-Istat biex jaċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, ivaraw id-dekarbonizzazzjoni industrijali u jiżguraw biżżejjed kapaċità ta' manifattura għal teknoloġija nadifa "magħmula fl-Ewropa"***;

Or. en

Emenda 47
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni;

jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	***jenfasizza li l-iżvilupp ta'*** qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa ***jrid jiżgura li dan ma jfixkilx l-innovazzjoni, ma jwassalx għal prezzijiet ogħla, jew ma jnaqqasx il-kompetizzjoni fis-suq Ewropew***;

Or. en

Emenda 48
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, ***b'mod partikolari dawk*** fl-oqsma ***tal-ambjent*** u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, ***inkluż*** fl-oqsma ***tas-sostenibbiltà, l-enerġija, id-difiża*** u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa; ***itenni li l-għajnuna mill-Istat għandha tkun immirata biss lejn il-korrezzjonijiet meħtieġa ħafna fl-ekonomija u ma għandhiex tfixkel il-kompetizzjoni ġusta u effettiva;***

Or. en

Emenda 49
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-

oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat ***sabiex*** jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat ***biex*** jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa ***sabiex jiġi mmobilizzat l-appoġġ pubbliku meħtieġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija ħalli tiġi ddekarbonizzata l-industrija Ewropea u tiġi żgurata l-kompetittività tagħha***;

Or. en

Emenda 50
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal*** qafas ***ġdid*** ta' għajnuna mill-Istat ***sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa***;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tinżamm newtrali u indipendenti, iffukata esklużivament fuq li tiżgura swieq ħielsa u dinamiċi li jippromwovu l-innovazzjoni, l-effiċjenza u kundizzjonijiet ugwali; iqis li kwalunkwe*** qafas ta' għajnuna mill-Istat ***għandu jevita li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, jagħti prijorità lis-suq liberu u jiżgura li ma jingħatax trattament preferenzjali lil ċerti setturi jew impriżi għad-detriment ta' oħrajn***;

Or. es

Emenda 51
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki

kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; ***jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;***	kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni;

Or. fr

Emenda 52
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; ***jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;***	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni;

Or. it

Emenda 53
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, ***b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, ***u tkun ta' benefiċċju sostanzjali għalihom, b'politiki ambjentali u diġitali effettivi u ambizzjuż fil-qalba ta' politika tal-kompetizzjoni ta' suċċess***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

Or. en

Emenda 54
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni ***għandha tikkontribwixxi*** għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; ***jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;***	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni ***hija strument ewlieni*** għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 55
Lídia Pereira, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma ***tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma ***tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-approċċ imġedded għall-Politika tal-Kompetittività tal-UE***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

Or. en

Emenda 56

Pierre Pimpie, Aleksandar Nikolic, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex ***jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa***;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex ***jappoġġja l-intrapriżi Ewropej meta jiffaċċjaw il-kompetizzjoni esterna***;

Or. fr

Emenda 57
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tikkontribwixxi għall-politiki kollha*** tal-UE***, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni***; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha ***tkun koerenti mal-għażliet ta' politika usa'*** tal-UE; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

Or. en

Emenda 58
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni	2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni

għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma ***tal-ambjent*** u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma ***tal-industrija*** u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

Or. fr

Emenda 59
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat biex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa; jisħaq fuq il-ħtieġa li dan jgħin fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li jiżgura li d-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività jimxu id f'id mingħajr ma jappoġġjaw il-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 60
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;	***imħassar***

Or. de

Emenda 61
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni; ***jenfasizza li l-kompetittività interna u esterna għandha tkun il-mutur ewlieni li jixpruna s-saħħa tas-suq uniku, jippromwovi ambjent kompetittiv li jiffavorixxi l-innovazzjoni, it-tnaqqis tal-ostakoli u d-distribuzzjoni effiċjenti tar-riżorsi; itenni li r-regoli soċjali u ambjentali komuni huma importanti biex jiġu żgurati prattiki li ma jkunux ta' ħsara, iżda dawn għandhom ikunu proporzjonati, mhux restrittivi żżejjed u mfassla b'tali mod li ma jikkompromettux il-kompetittività tas-suq uniku; jenfasizza bl-istess mod il-ħtieġa li jiġi żgurat li tali regoli jippermettu biżżejjed flessibbiltà biex l-Istati jkunu jistgħu jadattawhom skont il-kuntest, mingħajr ma jimponu piżijiet mingħajr bżonn fuq l-impriżi;***

Or. es

Emenda 62
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw

mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;	mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni ***li ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari dawk mikro, żgħar u ta' daqs medju***; ***jenfasizza f'dan ir-rigward il-piż amministrattiv dejjem akbar fuq l-intrapriżi; jappella għal simplifikazzjoni li tmur lil hinn mill-eliminazzjoni tad-duplikazzjoni amministrattiva iżda li toffri wkoll il-possibbiltà li jitneħħew ir-rekwiżiti regolatorji li huma ta' piż għall-kompetittività;***

Or. fr

Emenda 63
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards ***soċjali u ambjentali*** komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards komuni; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tibbilanċja l-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku mal-applikazzjoni tal-prinċipji fundamentali tal-kompetizzjoni, filwaqt li tiżgura li ż-żewġ objettivi jiġu avvanzati b'mod effettiv mingħajr ma tiddgħajjef l-integrità tas-suq uniku Ewropew;***

Or. en

Emenda 64
Pierre Pimpie, Enikő Győri, Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li ***jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni***;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li ***jiffavorixxi l-attività transfruntiera tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, permezz tas-simplifikazzjoni tal-istandards***;

Or. fr

Emenda 65
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards ***soċjali u ambjentali komuni***;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll ***mill-aċċess miftuħ u*** mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards ***ta' kompetizzjoni għolja fi swieq li nħolqu reċentement wara żviluppi teknoloġiċi globali***;

Or. en

Emenda 66
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw ***mhux biss*** mill-kompetittività interna u	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mill-kompetittività interna u esterna tiegħu;

esterna tiegħu ***iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni***;

Or. fr

Emenda 67
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi ***regoli tal-kompetizzjoni li jippermettu livell għoli ta'*** standards soċjali u ambjentali komuni;

Or. en

Emenda 68
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali ***u ambjentali*** komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali komuni ***u jiggarantixxi l-koeżjoni territorjali***;

Or. it

Emenda 69

Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali ***minimi*** komuni;

Or. en

Emenda 70
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards ***soċjali u ambjentali*** komuni;	3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards komuni;

Or. en

Emenda 71
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Filwaqt li jieħu nota tal-impatt negattiv mifrux tal-konċentrazzjoni tas-suq dejjem akbar; jappoġġja applikazzjoni

effiċjenti u vigoruża tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-introduzzjoni ta' mandat trażversali tal-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-konċentrazzjoni dannuża tas-saħħa ekonomika u tal-kontroll ekonomiku fl-UE, inkluż fis-swieq kapitali; jinnota li dan għandu jinkludi koordinazzjoni u koerenza akbar tal-politiki tal-kompetizzjoni, tal-kummerċ, tal-industrija, tal-protezzjoni tad-data, tal-qasam diġitali, tax-xogħol, tal-protezzjoni tal-konsumatur u tat-tassazzjoni u infurzar effettiv tal-għodod relatati;

Or. en

Emenda 72
Martin Schirdewan, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jappoġġja l-prinċipju li l-użu tal-fondi pubbliċi għandu jinvolvi sjieda pubblika u kontroll pubbliku; jitlob li tingħata prijorità lill-investiment pubbliku li jagħti sjieda pubblika u kontroll pubbliku fuq deċiżjonijiet strateġiċi tal-kumpaniji, bħal għeluq, tnaqqis fil-produzzjoni u rilokazzjonijiet, aktar milli lill-użu tas-sussidji bħala għajnuna mill-Istat;

Or. en

Emenda 73
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3a. Jissottolinja li waħda mill-akbar vulnerabbiltajiet tal-UE hija d-dipendenza tagħha fuq il-materja prima u l-enerġija importati; għalhekk, politika tal-ekonomija ċirkolari aktar ambizzjuża kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-użu ta' materja prima eżistenti, speċjalment il-materja prima kritika, huma pedamenti essenzjali għall-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 74
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li l-kompetittività u t-tkabbir tas-suq intern ma jistgħux jitqiesu b'mod separat peress li jiddependu ħafna mill-kompetittività tal-UE fil-konfront tal-kompetituri globali tagħha; iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika jqisu kif xieraq l-iżviluppi regolatorji u tas-suq internazzjonali;

Or. en

Emenda 75
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-għodod ta' infurzar tal-kompetizzjoni, biex tiżgura li l-intrapriżi jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni u li l-ksur jiġi sanzjonat b'mod adegwat, sabiex is-suq uniku jiġi

protett minn prattiki ta' ħsara;

Or. it

Emenda 76
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***3a. Jissottolinja r-rwol ewlieni tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) bħala forum biex jitrawmu l-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet Ewropej tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni taħdem qatigħ għal djalogu u kooperazzjoni kostruttivi kontinwi fil-livell internazzjonali;**

Or. en

Emenda 77
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***3a. Jisħaq li għandha tiġi żgurata l-indipendenza politika tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni biex jaġixxu skont il-prinċipju tal-imparzjalità u b'għan wieħed biss, jiġifieri li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-swieq;**

Or. es

Emenda 78
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jemmen li sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, huwa meħtieġ li jiġu miġġielda l-prattiki inġusti tal-evitar tat-taxxa u l-migrazzjoni tal-postijiet tal-kumpaniji bħala "rifuġji fiskali Ewropej";

Or. it

Emenda 79
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jirrimarka li f'dinja globalizzata, il-kooperazzjoni internazzjonali hija kruċjali biex jiġi żgurat infurzar effettiv tal-kompetizzjoni; jisħaq li ftehimiet ta' kooperazzjoni ddedikati ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-influwenza tal-politika tal-kompetizzjoni fid-dinja, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni li jippermettu li jsir skambju aktar effettiv tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 80
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tissimplifika l-acquis tal-UE u li tnaqqas il-burokrazija u jilqa' l-istabbiliment tal-Gruppi tal-Proġetti interni biex jitwettqu l-prijoritajiet politiċi; jemmen li dan jista' jkollu kontribut sinifikanti biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE; jisħaq, madankollu, li jeħtiġilna nkomplu bis-simplifikazzjoni b'mod li ma jnaqqasx l-ambizzjonijiet tagħna marbuta mat-tibdil fil-klima jew jimmina l-impenji internazzjonali tagħna;

Or. en

Emenda 81
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Itenni li sabiex tiġi implimentata politika tal-kompetizzjoni li tiżgura li l-intrapriżi jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi, l-Ewropa trid tkun protetta minn prattiki kummerċjali inġusti min-naħa ta' pajjiżi terzi;

Or. it

Emenda 82
Martin Schirdewan, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv; ***jirrifjuta l-promozzjoni tal-kompetittività f'termini ta' kompetittività marbuta mal-kostijiet, peress li fil-passat din wasslet għall-implimentazzjoni ta' riformi dannużi għas-soċjetà li jimminaw is-saħħa tan-negozjar u d-domandi għall-pagi tal-ħaddiema;***

Or. en

Emenda 83
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. ***Jinnota li l-Ewropa hija attur dejjem iżgħar fuq l-iskala globali u li l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jirnexxu, u għalhekk sforz miftiehem fil-livell tal-UE huwa importanti aktar minn qatt qabel;*** jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Or. en

Emenda 84
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li*** tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti***, l-integrazzjoni tas-suq***, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. ***Jistieden lill-Kummissjoni*** tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Or. fr

Emenda 85
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni ***u t-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni ***kif ukoll it-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv;

Or. en

Emenda 86

Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività ***sostenibbli***; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq***, id-dekarbonizzazzjoni*** u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Or. it

Emenda 87
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li ***tinvesti fil-***kompetittività ***sostenibbli***; jilqa' ***l-enfasi*** ta' Mario Draghi ***fuq*** l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, ***l-awtonomija u s-solidarjetà***; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv***;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li ***ssaħħaħ il-***kompetittività ***tal-UE;*** jilqa' ***l-analiżi*** ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni ***tas-swieq***; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir ***ekonomiku tal-Unjoni***;

Or. es

Emenda 88
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv***;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni***, il-kompetittività*** u t-tkabbir;

Or. en

Emenda 89
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv***;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir;

Or. fr

Emenda 90
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività ***sostenibbli***; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Or. en

Emenda 91
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq***, id-dekarbonizzazzjoni*** u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;	4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Or. fr

Emenda 92
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja li s-simplifikazzjoni

tal-leġiżlazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv huma passi essenzjali fl-appoġġ tal-kompetittività;

Or. en

Emenda 93
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ***ma jridx*** jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq ***jew abbuż*** tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea ***u lid-dekarbonizzazzjoni***; jinnota li dan ***la jrid*** jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq ***u lanqas f'konċentrazzjoni tas-suq li tiffaċilita l-abbużi ta' dominanza u l-prattiki inġusti*** tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet; ***jissottolinja, barra minn hekk, li l-politika industrijali trid tavvanza wkoll l-interess pubbliku billi torbot il-finanzjament pubbliku mal-kundizzjonalitajiet soċjali u ambjentali li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet tal-ħaddiema, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ekonomika; jinnota li dawn għandhom jinkludu dispożizzjonijiet ta' rkupru u limitazzjonijiet stretti fuq ir-riakkwist ta' ishma u l-pagamenti tad-dividendi;***

Or. en

Emenda 94
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, ***u jwissi*** kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu***; jinnota li din l-ispinta ma għandhiex tiġġenera pożizzjoni dominanti fis-suq u lanqas abbuż minnha, filwaqt li jenfasizza li f'każ ta' abbużi, l-intervent għandu jkun limitat għal prattiki antikompetittivi ċari bħall-monopolji jew il-kartelli; iwissi*** kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***, filwaqt li jenfasizza li dawn għandhom jiġu vvalutati skont l-impatt reali fuq il-kompetizzjoni u l-benesseri tal-konsumatur u ma għandhomx jiġu meqjusa bħala negattivi inġenerali, sakemm ma jkunux ta' detriment għall-kompetittività ġenerali tas-suq jew għall-interessi tal-konsumaturi***;

Or. es

Emenda 95
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma ***jridx jirriżulta f'pożizzjoni*** dominanti fis-suq jew ***abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma ***jistax isir għad-detriment tal-konsumaturi Ewropej permezz ta' llaxkar tal-pożizzjoni*** dominanti fis-suq jew ***ta' standards abbużivi fil-politika tal-kompetizzjoni tal-UE; itenni li l-ogħla standards ta' kompetizzjoni u l-espansjoni meħtieġa tad-ditti Ewropej jistgħu jissaħħu t-tnejn li huma permezz ta' approfondiment effettiv*** tas-suq ***uniku, li jagħmlu s-suq rilevanti għas-setturi kollha***;

Or. en

Emenda 96
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, ***u jwissi*** kontra ***li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali ***kkoordinata u mmirata*** tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, ***distorsjoni tal-prezzijiet jew ineffiċjenzi ekonomiċi***; ***iwissi*** kontra ***politika industrijali mhux ikkoordinata u ta' natura nazzjonali biss***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta u mhux ugwali minn pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda 97
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li ***l-politika*** industrijali ***tagħti*** spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta ***f'pożizzjoni*** dominanti fis-suq ***jew abbuż*** tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li ***l-politiki*** industrijali ***nazzjonali u s-sinerġiji bejn l-Istati Membri jagħtu*** spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta ***f'abbuż mill-pożizzjoni*** dominanti fis-suq tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;

Or. fr

Emenda 98
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea ***filwaqt li tissalvagwardja l-kompetizzjoni interna u l-atturi ż-żgħar fis-suq uniku***; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;

Or. en

Emenda 99
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu***, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu;

Or. en

Emenda 100
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu***, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu;

Or. en

Emenda 101
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa ***li l-politika*** industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa ***ta' politika*** industrijali ***sostenibbli ġdida biex*** tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;

Or. en

Emenda 102
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa ***li l-politika*** industrijali tagħti spinta lill-kompetittività ***Ewropea***; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa ***ta' politika*** industrijali ***tassew Ewropea biex*** tagħti spinta lill-kompetittività; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;

Or. en

Emenda 103
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta ***f'pożizzjoni*** dominanti fis-suq ***jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet***;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta ***fl-abbuż ta' pożizzjoni*** dominanti fis-suq***; jindika l-ħtieġa ta' proċeduri effettivi ta' kontroll tal-għaqdiet***;

Or. en

Emenda 104
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u ***jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni*** tas-suq permezz ta' għaqdiet;	5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u ***jitlob il-monitoraġġ bir-reqqa tal-integrazzjoni*** tas-suq permezz ta' għaqdiet;

Or. it

Emenda 105
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-importanza tal-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) għall-finanzjament ta' proġetti tranżnazzjonali kbar u għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, iżda jiddeplora l-proċess u ż-żmien meħtieġ għax iqishom bħala piż żejjed għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe notifika titlesta sa mhux aktar tard minn 6 xhur;

Or. en

Emenda 106
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-importanza li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-UE, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu ta' sorsi alternattivi bħall-enerġija nukleari tal-aħħar ġenerazzjoni;

Or. it

Emenda 107
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jissottolinja l-importanza ta' politika dwar l-effiċjenza tal-enerġija tal-UE, għall-finijiet li tiżdied il-kompetittività u titnaqqas id-dipendenza

eċċessiva tal-kontinent fuq pajjiżi barra mill-UE, billi tiġi promossa l-għajnuna mill-Istat f'limiti raġonevoli lil setturi strateġiċi bħall-iżolazzjoni termali, is-sorsi rinnovabbli u l-ottimizzazzjoni tal-proċessi industrijali;

Or. it

Emenda 108
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 109
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;	6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni; ***jenfasizza li rapporti oħrajn jiddikjaraw li ż-żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti mhux neċessarjament jindikaw funzjonament ħażin tas-suq, u jfakkru li dawn jistgħu jirriflettu titjib fl-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-ekonomiji ta' skala milħuqa mill-impriżi; iqis li t-tnaqqis tad-dinamiżmu tal-industrija jista' jkun aktar relatat ma' regolamentazzjoni eċċessiva li tillimita l-kapaċità tal-impriżi biex jadattaw u jikkompetu f'suq globali; jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi s-suq regolatorju bl-għan li trawwem ambjent flessibbli u kompetittiv, li jippermetti lill-impriżi jinnovaw u jikbru mingħajr restrizzjonijiet u pożijiet bla bżonn; ifakkar li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni għandha tkun iffukata fuq li tiżgura swieq miftuħin, kompetittivi u ħielsa minn prattiki antikompetittivi, mingħajr ma tintervjeni mingħajr meħtieġ fid-dinamika naturali tas-suq;***

Or. es

Emenda 111
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas***, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni***;	6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas***; jieħu nota wkoll li l-għaqdiet u l-akkwiżizzjonijiet minn ditti ewlenin x'aktarx ikkontribwew għaż-żieda osservata fil-marġnijiet kummerċjali u fil-konċentrazzjoni; jinnota wkoll li livelli dgħajfa ta' kompetizzjoni kellhom impatti negattivi sinifikanti fuq il-konsumaturi, fuq il-kapaċità tal-akkwist, u fuq il-kompetittività tad-ditti tal-UE u t-tkabbir ekonomiku kumplessiv***;

Or. en

Emenda 112
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;	6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas ***b'mod konsiderevoli***, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;

Or. fr

Emenda 113
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jieħu nota tar-rapport*** tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;	6. ***Huwa mħasseb ħafna dwar ir-rapport*** tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 114
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Japprovaġġja l-fatt li l-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol ewlieni fl-indirizzar u fil-mitigazzjoni tat-tfixkil li jwassal għall-kriżi tal-għoli tal-ħajja madwar l-UE kollha; jissottolinja f'dan il-kuntest li bħala rispons għal xokkijiet fil-provvista aktar frekwenti li jirriżultaw minn tensjonijiet ġeopolitiċi u mill-kriżijiet klimatiċi u ambjentali, id-ditti jikkoordinaw iż-żidiet fil-prezzijiet sabiex jipproteġu u saħansitra jżidu l-marġnijiet tal-profitt li jippropagaw dawn ix-xokkijiet; iqis li filwaqt li l-impatt tal-politika monetarja għandu mnejn ikun aktar limitat meta jiġi indirizzat dan it-tfixkil xprunat mill-provvista, l-infurzar tal-antitrust immirat u kkoordinat għandu mnejn ikun aktar effettiv;

Or. en

Emenda 115
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata protezzjoni akbar tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'mod ġenerali, l-intrapriżi kollha li huma lesti li jżidu l-kapital ta' riskju tagħhom;

Or. it

Emenda 116
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta kif ir-regoli dwar l-antitrust japplikaw għaż-żidiet fil-prezzijiet fil-kuntest tal-konġestjonijiet u tiżviluppa qafas għall-infurzar f'każ ta' pprezzar inġust; ifakkar fl-impenn tal-Kummissarju Ribera għall-ħruġ ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni u l-indirizzar ta' abbużi ta' sfruttament minn impriżi dominanti biex l-infurzar tal-Artikolu 102 tat-TFUE jsir aktar effettiv;

Or. en

Emenda 117
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jitlob aktar trasparenza u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi u koerenti fit-territorju kollu tal-Unjoni;

Or. it

Emenda 118
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jissottolinja l-ħtieġa ta' analiżi bir-reqqa tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari għall-intrapriżi li joperaw f'setturi strateġiċi bħall-enerġija, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-effikaċja tal-għajnuna mill-Istat fl-agrikoltura, fil-loġistika u fit-trasport;

Or. it

Emenda 119
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata iġġib magħha	***imħassar***

kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Or. en

Emenda 120
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota ***l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna*** mill-Istat ***frammentata iġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; ***jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat ***kif ukoll għal rapportar*** u ***trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat*** f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;	7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; ***iqis li l-użu tal-għajnuna mill-Istat għal skopijiet industrijali toħloq distorsjoni tas-suq peress li tiffavorixxi lil ċerti setturi jew impriżi għad-detriment ta' oħrajn, li jista' joħloq nuqqas ta' effiċjenza u jiddiżinċentiva l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni;*** jinnota ***d-diverġenza tal-għajnuna*** mill-Istat ***fl-Unjoni, li ġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi ***u li joħolqu distorsjoni fis-suq***; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti ***u tikkoreġihom; jissuġġerixxi*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji ***li ma tagħmel xejn ħlief iżżid id-distorsjonijiet fis-suq, u ħafna drabi tiffavorixxi lil impriżi li mhumiex effiċjenti, iżda biex minflok jipproponu miżuri li jinċentivaw il-kompetittività tas-***

suq uniku; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni ***u jenfasizza li dan juri l-ħtieġa ta' anqas interventi mill-Istat fis-suq***; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat, ***mhux biss biex jiżdiedu t-trasparenza*** u ***l-informazzjoni dwarha***, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri***, iżda wkoll biex titnaqqas id-dipendenza tal-impriżi fuq l-għajnuna mill-Istat u tiġi promossa l-kompetizzjoni fis-suq uniku***;

Or. es

Emenda 121
Regina Doherty, Lídia Pereira, Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***iġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;	7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***ġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; ***jisħaq li d-dilwizzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat li seħħet f'dawn l-aħħar snin ħolqot żbilanċi kbar fis-suq uniku, b'mod partikolari fil-qasam tal-għajnuna finanzjarja mill-Istat; jenfasizza li s-sussidji finanzjarji huma mod għali u spiss ineffiċjenti ta' kif jiġu appoġġjati parteċipanti kbar tas-suq prinċipalment għad-detriment tal-kompetizzjoni u tal-innovazzjoni reali; ifakkar li s-sussidji finanzjarji huma ta' benefiċċju biss għal dawk l-Istati Membri li għandhom ir-riżorsi biex jonfqu flejjes kbar***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma

jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Or. en

Emenda 122
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jirrimarka*** li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***iġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;	7. ***Jinnota bi tħassib*** li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; ***ifakkar li tali għajnuna, kif permessa skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ jew l-interess komuni***; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***ġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; ***jitlob li l-għajnuna tiġi estiża permezz tal-baġit tal-UE, aktar milli f'għajnuna nazzjonali mill-Istat potenzjalment mhux ikkoordinata; jinnota bi tħassib li żewġ Stati Membri waħedhom kienu jirrappreżentaw 77 %[5a] tal-għajnuna mill-Istat notifikata skont il-qafas temporanju ta' kriżi;*** jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar

u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;

---

*[5a] **State aid in the wake of the pandemic, war and foreign subsidies - Awtur: Marcin Cesluk-Grajewski Servizz ta' Riċerka tal-Membri tal-PE 747.106 – April 2023***

Or. en

Emenda 123
Enikő Győri, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***iġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; ***jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;***	7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata ***ġġib*** magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji;

Or. en

Emenda 124
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri ***u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata iġġib magħha kundizzjonijiet mhux ekwi***; ***jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni***; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;	7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jappoġġjaw lill-industriji Ewropej b'kull mod***; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Or. fr

Emenda 125
Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "difiża tal-innovazzjoni"; jappella, ***barra minn hekk***, biex ***jitqiesu kwistjonijiet ta' interess pubbliku, bħall-ħarsien tal-klima, is-sostenibbiltà u l-istat tad-dritt*** meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq is-suq intern;	14. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "difiża tal-innovazzjoni"; jappella, ***għalhekk***, biex ***titqies il-kapaċità li tkun sors ta' innovazzjoni*** meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq is-suq intern;

Or. fr

Emenda 226
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "difiża tal-innovazzjoni"; jappella, barra minn hekk, biex jitqiesu kwistjonijiet ta' interess pubbliku***, bħall-ħarsien tal-klima, is-sostenibbiltà u l-istat*** tad-dritt meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq is-suq intern;	14. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "difiża tal-innovazzjoni"; jappella, barra minn hekk, biex jitqiesu kwistjonijiet ta' interess pubbliku ***bħall-istat*** tad-dritt ***jew l-indipendenza strateġika Ewropea,*** meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq is-suq intern;

Or. fr

Emenda 227
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares 'il quddiem għall-konsolidazzjoni fl-UE kif propost ukoll mir-rapporti ta' Draghi u Letta, filwaqt li tqis l-importanza strateġika u l-impatt favur il-kompetizzjoni tal-iskala u l-kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment f'ċerti setturi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fit-tul;

Or. en

Emenda 228
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jieħu nota tal-proposta għal rimedji ta' għaqdiet "ex post" imressqa mir-rapport ta' Draghi; jilqa' l-kunsiderazzjoni tar-rimedji strutturali filwaqt li jinnota li l-kontroll tal-għaqdiet ex post mhuwiex sostitut perfett għall-kontroll tal-għaqdiet ex ante, peress li t-treġġigħ lura (parzjali) tal-integrazzjoni tad-ditti jista' jippreżenta diffikultajiet prattiċi;

Or. en

Emenda 229

Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob lill-Kummissjoni tidentifika l-ostakli nazzjonali li jistgħu jżommuha milli tikkunsidra s-suq Ewropew bħala dak rilevanti fl-analiżi tal-għaqdiet; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva biex jitneħħew dawn l-impedimenti;

Or. en

Emenda 230
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ***ġodda*** biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;	15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ***avvanzati*** biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network***, filwaqt li jenfasizza r-rwol kritiku tal-għażla tal-konsumatur meta jingħażlu s-servizzi u l-apparati diġitali***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-mekkaniżmi li jippermettu l-interoperabbiltà bejn is-servizzi u l-apparati, trawwem l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fl-ekosistema diġitali;***

Or. en

Emenda 231

Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;	15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network; ***jappoġġja lill-Kummissjoni biex tqis aktar il-ħsara potenzjali lill-kompetizzjoni meta tivvaluta għaqdiet fejn l-espansjoni fi swieq kontigwi jkollha l-effett li tkompli ssaħħaħ id-dominanza tas-suq fis-suq ewlieni tal-kumpanija akkwirenti;***

Or. en

Emenda 232
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;	15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network ***inkluż użu aktar sistematiku tal-kontabbiltà standard u tal-analiżi finanzjarja***;

Or. en

Emenda 233
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;	15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali ***fi swieq delineati b'mod ċar***; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data ***u f'dik li hija inftrastruttura*** u l-effetti tan-network;

Or. en

Emenda 234
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jappella biex*** l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;	15. ***Jipproponi li*** l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;

Or. es

Emenda 235

Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza l-ħtiġijiet futuri ta' konnettività tal-UE f'termini ta' infrastruttura u investimenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-linji gwida dwar l-għaqdiet biex tadotta valutazzjoni aktar komprensiva tal-effiċjenzi fil-kontroll tal-għaqdiet u l-kooperazzjoni fihom; jinnota li l-valutazzjoni tal-kooperazzjoni orizzontali għandha tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-kollaborazzjoni fis-swieq dominati mill-gwardjani;

Or. en

Emenda 236
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob li l-limiti ġuriżdizzjonali kwantitattivi fir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet jiġu rieżaminati perjodikament biex jirriflettu l-iżviluppi ġodda tas-suq; jinnota b'mod partikolari li l-limiti tal-fatturat fir-Regolament dwar l-Għaqdiet biss jistgħu ma jkunux adatti biex jidentifikaw il-każijiet kollha li għandhom jiġu rieżaminati mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 237
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob li l-kontroll tal-għaqdiet tal-UE jinkludi l-prattiki użati minn ditti dominanti biex jiġu evitati investigazzjonijiet formali, bħall-użu dejjem akbar ta' "partenarjati" fis-settur tal-IA; meta jkun meħtieġ dan għandu jinvolvi l-aġġornament tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet u l-avviżi u l-linji gwida relatati;

Or. en

Emenda 238
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi limitu ta' żmien għall-każijiet antitrust sabiex tiżgura l-effettività tar-regoli tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tadotta aktar miżuri interim biex titwaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel dannu serju lill-kompetizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' swieq dinamiċi u li jiżviluppaw b'rata mgħaġġla bħas-swieq diġitali;***

Or. en

Emenda 239

Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji ***jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom;***	16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji ***jistgħu jiffaċċjaw nuqqas ta' ċertezza fit-tul li tillimita l-kapaċità tagħhom li jikkompetu u jinnovaw***; ***ifakkar li l-investigazzjonijiet eċċessivament twal jistgħu jiġġeneraw spejjeż bla bżonn u jservu ta' diżinċentiv għall-investiment u għad-dinamiżmu;***

Or. es

Emenda 240
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom ***u teżerċita bis-sħiħ is-setgħat tagħha, pereżempju billi tirrikorri b'mod aktar frekwenti għal miżuri interim***;

Or. en

Emenda 241
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom***;	16. Jistieden lill-Kummissjoni ***tħaffef il-proċeduri tal-antitrust, tistabbilixxi limiti ta' żmien xierqa għall-proċeduri u tiżgura segwitu effettiv tad-deċiżjonijiet meħuda***;

Or. en

Emenda 242
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża malajr l-istrumenti kummerċjali disponibbli biex tipprevjeni kompetizzjoni inġusta fis-suq intern, jiġifieri permezz ta' għodod bħall-"Istrument għal Akkwist Internazzjonali" u r-"Regolament dwar is-Sussidji Barranin", u żżomm kundizzjonijiet ekwivalenti ma' kumpaniji barranin appoġġjati minn sussidji sostanzjali mill-Istat; iżid jgħid li d-dumping soċjali u ambjentali għandu jiġi indirizzat ukoll mir-regoli tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 243
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella għal konsultazzjoni

obbligatorja u drittijiet ta' parteċipazzjoni għall-ħaddiema f'deċiżjonijiet ta' għaqda u ta' akkwiżizzjoni;

Or. en

Emenda 244
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jitlob li tingħata aktar attenzjoni lis-settur diġitali, biex jiġi żgurat li l-pjattaformi online kbar u l-ġganti tat-teknoloġija ma jabbużawx mill-pożizzjoni dominanti tagħhom; jissottolinja l-importanza li jiġu applikati regoli speċifiċi biex tiġi pprevenuta d-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan l-aspett, filwaqt li jitħeġġeġ l-użu ta' forom speċifiċi ta' tassazzjoni mill-UE u mill-Istati Membri individwali;

Or. it

Emenda 245
Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi*** reċenti li ***jikkonfermaw*** l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple ***u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva***;	17. ***Jinnota l-kawża*** reċenti li ***tikkonferma*** l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim ***storiku*** dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple***, stabbilit bejn l-2003 u l-2014, ma kienx konformi mal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat; jirrikonoxxi li l-qafas legali fl-Irlanda minn dak iż-żmien inbidel u l-arranġament tat-taxxa ma għadux japplika***; ***jinnota wkoll is-sentenza***

reċenti tal-QĠUE li l-prattiki ta' Google rigward is-servizz ta' tqabbil tal-prezzijiet tagħha ma kinux konformi mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 246
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jilqa'*** ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;	17. ***Jindika*** ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva; ***ifakkar li għalkemm jeħtieġ li jiġu kkoreġuti prattiki li jimminaw is-suq ħieles, l-approċċ tal-Kummissjoni għandu jkun li tiżgura li s-swieq jibqgħu miftuħin, u li jirrispettaw dejjem il-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-politika fiskali; ifakkar li l-Istati għandhom iżommu l-awtonomija tagħhom biex japplikaw politiki fiskali li jiffavorixxu t-tkabbir ekonomiku, l-investiment u l-kompetittività fl-ekonomiji rispettivi tagħhom;***

Or. es

Emenda 247
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' ż-żewġ ***kawżi*** storiċi reċenti li	17. Jilqa' ż-żewġ ***deċiżjonijiet*** storiċi

jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple ***u Google*** jikkostitwixxi ***prattika antikompetittiva***;	reċenti ***tal-qorti*** li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple jikkostitwixxi ***għajnuna illegali mill-Istat u li Google abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha bi ksur tat-Trattati***; ***iheġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tipprevjeni l-abbuż tal-għajnuna mill-Istat li jinvolvu tnaqqis selettiv tat-taxxa għall-kumpaniji;***

Or. en

Emenda 248
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;	17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva; ***jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex il-benefiċċji tat-taxxa li jfixklu l-kompetizzjoni jitqiesu illegali;***

Or. en

Emenda 249
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google	17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google

jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;	jikkostitwixxi prattika antikompetittiva ***minħabba li jagħtu għajnuna illegali mill-Istat***;

Or. en

Emenda 250
Regina Doherty, Lídia Pereira, Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jilqa'*** ż-żewġ kawżi ***storiċi*** reċenti ***li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma'*** Apple u Google ***jikkostitwixxi prattika antikompetittiva***;	17. ***Jinnota*** ż-żewġ kawżi reċenti ***tal-QĠUE li jikkonċernaw, rispettivament, it-taxxa mħallsa minn*** Apple ***skont ir-regoli tat-tassazzjoni preċedenti li jmorru lura għal qabel l-2007 li issa huma illegali,*** u ***l-attivitajiet minn*** Google ***meqjusa antikompetittivi***;

Or. en

Emenda 251
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim ***dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma'*** Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;	17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim ***tal-Irlanda għall-Għajnuna mill-Istat mogħtija lil*** Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;

Or. en

Emenda 252
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero

Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jesprimi dispjaċir kbir għall-Ordni Eżekuttiva presidenzjali tal-Istati Uniti li tiddikjara li l-ftehim globali dwar it-taxxa tal-OECD "ma għandu l-ebda forza jew effett fl-Istati Uniti", u fil-fatt iwassal lill-Istati Uniti biex joħorġu min-negozjati; jisħaq fuq l-importanza tal-multilateraliżmu biex jiġi żgurat li l-kumpaniji multinazzjonali jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' tassazzjoni fejn jinħoloq il-valur; jenfasizza li l-Pilastru II tal-ftehim globali dwar it-taxxa tal-OECD japplika limitu minimu f'kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, u b'hekk iwaqqaf il-ġirja lejn l-aktar livell baxx fit-tassazzjoni korporattiva li naqqret mid-dħul mit-taxxa, dgħajfet il-ġustizzja u żiedet l-inugwaljanza globali; huwa tal-fehma li l-UE għandha tkun kompletament konformi mad-Direttiva tal-Pilastru II biex tipprevjeni ritorn għal kompetizzjoni fiskali mingħajr ostakli b'detriment għad-dħul pubbliku;

Or. en

Emenda 253
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jenfasizza*** l-konċentrazzjonijiet ***inkwetanti*** tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-	18. ***Jindika*** l-konċentrazzjonijiet tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; ***jirrikonoxxi li tali konċentrazzjonijiet ma għandhomx ikunu***

kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	***interpretati awtomatikament bħala prattiki antikompetittivi, iżda li jistgħu jirriflettu l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-impriżi li jiddominaw is-setturi;*** jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali ***li jista' jkollhom*** fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

Or. es

Emenda 254
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tindirizza*** kwistjonijiet ***li huma*** speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tibni fuq l-isforzi tagħha biex jiġu indirizzati*** kwistjonijiet speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali***,*** u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali***, kif muri mill-progress li sar fl-ambitu tad-DMA***; ***jitlob ukoll li jinfetħu investigazzjonijiet ġodda dwar is-settur tal-cloud biex jiġu żgurati ulterjorment il-kompetizzjoni ġusta u l-innovazzjoni***;

Or. en

Emenda 255
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza l-amalgamazzjoni vertikali dejjem akbar ta' atturi dominanti fil-katina tal-valur tar-reklamar li tpoġġi lis-settur Ewropew tar-reklamar online f'riskju;***

Or. en

Emenda 256
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li

huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali ***fis-saffi tal-hardware u tal-komputazzjoni tal-cloud***, l-amalgamazzjoni vertikali***, l-influwenza strutturali fuq l-ekosistema ta' komplementi interdipendenti minn operaturi preeżistenti kbar,*** u l-ingranaġġ ***prevalenti bejn is-swieq*** fis-swieq diġitali;
	Or. en

Emenda 257
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud***, iċ-ċipep*** u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea***, ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista***, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali***, il-manipulazzjoni algoritmika tal-isfera pubblika diġitali,*** u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;
	Or. en

Emenda 258
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija ***li jirriżulta mill-abbuż tal-pożizzjoni dominanti li għandhom ċerti parteċipanti tas-suq***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

Or. en

Emenda 259
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali ***billi tapplika bil-qawwa l-Att dwar is-Swieq Diġitali***;

Or. en

Emenda 260
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali***, il-ħtieġa tat-tassazzjoni*** u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

Or. it

Emenda 261
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet ***inkwetanti*** tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea***, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija***, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali***;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija ***filwaqt li tqis il-potenzjal futur tal-innovazzjoni fil-valutazzjonijiet tagħha, minkejja l-inċertezza tagħha***;

Or. en

Emenda 262
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud***, il-kummerċ elettroniku*** u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

Or. en

Emenda 263
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività ***Ewropea, il-protezzjoni*** tad-data***, is-soċjetà u d-demokrazija***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-	18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività ***u l-protezzjoni*** tad-data; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

swieq diġitali;

Or. fr

Emenda 264
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinnota li l-atturi diġitali kbar jużaw is-saħħa tagħhom fis-suq, is-setgħa tagħhom fuq il-konsumaturi, ir-riżorsi finanzjarji tagħhom u l-konċentrazzjoni tad-data f'suq wieħed biex jiksbu effett ta' ingranaġġ f'suq ieħor; jisħaq li l-atturi ż-żgħar ma jistgħux jikkompetu mal-fatturi msemmija hawn fuq, li jagħmel liċ-ċittadini Ewropej saħansitra aktar dipendenti fuq l-istess għadd żgħir ta' kumpaniji mhux mill-UE u jipperikola l-awtonomija strateġika; jappella għal skrutinju akbar tal-ingranaġġ tal-pożizzjonijiet dominanti fis-setturi diġitali f'setturi oħra u l-awtonomija strateġika tal-UE, permezz tar-reviżjoni tal-linji gwida għall-għaqdiet biex jiġi żgurat li l-ingranaġġ tas-suq ikun jista' jiġi skrutinizzat b'mod aktar effettiv;

Or. en

Emenda 265
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Huwa mħasseb dwar il-grad ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur tal-

cloud computing u dwar il-prattiki antikompetittivi relatati ma' termini ta' liċenzjar kumplessi u mhux trasparenti jew raggruppament obbligatorju, li jagħmilha dejjem aktar diffiċli għall-klijenti biex jibdlu l-fornituri tal-cloud, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' firxa wiesgħa ta' fornituri biex titrawwem il-kompetizzjoni; jistieden lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-prattiki li x'aktarx jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni u jillimitaw l-għażliet tal-klijenti;

Or. en

Emenda 266
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-interoperabbiltà għall-kontestabbiltà tas-swieq bit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-bdil fis-swieq diġitali u ż-żieda tal-benessri tal-konsumatur permezz tal-għażla tal-konsumatur, inkluża l-għażla għal alternattivi aktar favur il-privatezza, sostenibbli jew soċjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel progress malajr fl-implimentazzjoni tal-obbligi eżistenti tal-interoperabbiltà għas-servizzi ta' messaġġi skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-obbligi eżistenti tal-interoperabbiltà għall-fornituri tal-cloud skont l-Att dwar id-Data u tibda l-ħidma fuq ir-rieżami għal Mejju 2026; iħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi l-obbligi ta' interoperabbiltà skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali għas-servizzi ta' network soċjali online; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrieżamina jekk l-obbligi tal-interoperabbiltà u tal-portabbiltà tad-data

għall-fornituri tal-cloud humiex fil-prattika effettivi u aċċessibbli biżżejjed biex jippermettu l-bdil faċli ħalli titrawwem kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-cloud u opportunitajiet għall-SMEs Ewropej; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tinkludi gwardjani fil-katina tal-valur tal-IA fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 267
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Huwa mħasseb ukoll dwar l-iżvilupp b'rata mgħaġġla tas-servizzi tal-IA, li għandu l-potenzjal li jirriżulta f'konċentrazzjoni tas-suq; jenfasizza li l-Att dwar is-Swieq Diġitali fih diversi dispożizzjonijiet li jridu jintużaw biex jipprevjenu lill-gwardjani milli jirrestringu lil żviluppaturi emerġenti tal-IA bħall-klassifikazzjoni ġusta, it-trasparenza fir-reklamar, jew l-aċċess għad-data; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-servizzi tal-IA fl-Att dwar is-Swieq Diġitali; iqis id-dežinjazzjonijiet addizzjonali bħala servizzi ta' pjattaforma ewlenija, u li tittieħed azzjoni malajr biex jiġi indirizzat ir-riskju li l-konsumaturi jiġu mġiegħla jużaw servizzi tal-IA determinati minn qabel fuq l-apparati mobbli tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jibqgħu jagħżlu s-sistemi tal-IA u li dawn jibqgħu trasparenti, u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 268
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-hekk imsejħa "akkwiżizzjonijiet predatorji" minn atturi dominanti, li jistgħu jaffettwaw il-kontestabbiltà u l-ekwità tas-suq uniku diġitali u li għandhom effett detrimentali fuq l-għażla tal-konsumatur; jinnota l-importanza tad-data, tal-għodod għall-analitika tad-data bħala wieħed mill-fatturi ta' deterrent għall-konċentrazzjonijiet u għall-akkwiżizzjonijiet fis-suq diġitali fih innifsu; jappella għal opinjoni obbligatorja tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'każ ta' konċentrazzjonijiet li jinvolvu operatur wieħed jew aktar fis-setturi diġitali dwar ir-rilevanza tas-settijiet tad-data għall-konċentrazzjoni maħsuba, id-data personali li l-akkwiżizzjoni fil-mira tipproċessa u l-impatt potenzjali fuq id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data li l-konċentrazzjoni maħsuba għandha; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kondiviżjoni tad-data bejn is-servizzi mhux konsenswali li ddgħajjef id-drittijiet tal-konsumatur għall-protezzjoni tad-data, issaħħaħ il-konċentrazzjonijiet tas-saħħa tad-data u tnaqqas il-kontroll tal-konsumaturi fuq id-data tagħhom; jenfasizza li nuqqas ta' infurzar tal-GDPR fl-Irlanda huwa ta' benefiċċju għal għadd żgħir ta' pjattaformi diġitali kbar u huwa ta' benefiċċju għall-kompetittiva tagħhom billi jittollera l-ksur tal-privatezza għall-ġbir tad-data biex b'hekk tiżdied il-konċentrazzjoni tad-data;

Or. en

Emenda 269
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jissottolinja r-rwol ewlieni tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK); jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lil djalogu u kooperazzjoni kostruttivi sostnuti fil-livell internazzjonali; jissottolinja n-neċessità li tiżdied il-kollaborazzjoni bejn l-antitrust u regolaturi settorjali oħra, bħal dawk li jissorveljaw il-privatezza tad-data, biex jiġi ssorveljat b'mod effettiv l-użu ħażin tad-data korporattiva kif ukoll biex il-kumpaniji ma jitħallewx jisfruttaw id-data tal-konsumatur ħalli jiksbu vantaġġ kompetittiv inġust; jilqa' r-rwol sinifikanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs) fl-infurzar tar-regoli tal-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-inizjattivi leġiżlattivi nazzjonali li qed jiġu stabbiliti biex jindirizzaw l-imġiba antikompetittiva tal-pjattaformi online kbar fis-setturi diġitali; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza ta' azzjoni koordinata u omoġenja li ma timminax l-applikazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali minn naħa waħda u r-regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni fis-setturi diġitali minn naħa oħra, kif deskritt fl-Artikolu 1(6) tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 270
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18d. Jenfasizza l-karatteristiċi tas-swieq diġitali, bħall-aggregazzjoni u l-użu tad-data, is-swieq b'diversi naħat, l-effetti tan-network diretti u indiretti, il-multihoming, il-kostijiet tal-bdil mhux monetarji għajr l-ipprezzar, bħalma jkunu akkumulaw l-utenti tan-network, il-kostijiet tat-tagħlim u r-reputazzjoni jew il-klassifikazzjonijiet speċifiċi għall-pjattaforma tal-utenti; jissottolinja li s-setgħa li l-atturi diġitali għandhom fuq il-konsumaturi xprunata mir-rwol tad-data u mir-rwol tal-effetti diretti u indiretti tan-network; jilqa' r-rieżami tal-avviż dwar id-definizzjoni tas-suq biex jiġu vvalutati aħjar is-swieq diġitali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis fatturi mhux monetarji, bħall-fatturi msemmija hawn fuq, fid-definizzjoni tas-swieq diġitali u l-pożizzjonijiet ta' setgħa fi swieq bħal dawn, bħall-ispejjeż għall-bdil minbarra l-ipprezzar meta tiġi vvalutata s-saħħa fis-suq;

Or. en

Emenda 271
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18e. Jenfasizza li l-effetti tal-konċentrazzjoni tas-setgħat fis-swieq diġitali jmorru lil hinn mit-tfixkil tal-kompetizzjoni ma' impriżi oħra, iżda jinkludu effetti bħas-setgħa fuq il-konsumaturi, l-impatt potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali, il-privatezza u l-

protezzjoni tad-data u l-impatt potenzjali fuq il-libertà tal-media, is-soċjetà u d-demokrazija;

Or. en

Emenda 272
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18f. Jinnota l-ekosistemi integrati vertikalment tas-settur tal-IA, miksuba bil-kontroll tal-hardware, tad-data, tal-mudelli tal-IA u tad-distribuzzjoni; ifakkar fis-sejħa tal-Kummissjoni tal-2024 għall-input u l-istudju tad-dinamika tas-suq fis-settur tal-IA, kif ukoll ir-rikonoxximent mill-Kummissjoni li l-Unjoni "ma tistax tirrepeti l-istess żbalji bħal dawk bil-media soċjali u bl-ekonomija diġitali"; jistieden lill-Kummissjoni tieħu approċċ ekosistemiku lejn dan is-settur, fost l-oħrajn billi tiżviluppa u tapplika teoriji ġodda ta' ħsara biex tindirizza t-tisħiħ ulterjuri tal-operaturi preeżistenti fis-settur;

Or. en

Emenda 273
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18g. Jesprimi tħassib għall-użu dejjem akbar ta' mekkaniżmi dinamiċi tal-

	ipprezzar madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari għall-kumpaniji b'pożizzjoni dominanti; iqis li l-ipprezzar dinamiku fis-swieq b'domanda mhux elastika joħloq riskji għall-ekwità tas-suq, għall-protezzjoni tal-konsumatur, u għall-integrità tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri regolatorji kontra metodi ta' pprezzar adattivi ħafna u li ma tantx huma ċari għal prodotti b'domanda mhux elastika li tista' twassal għal ipprezzar eċċessiv u diskriminatorju;

Or. en

Emenda 274
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni u infurzar ulterjuri tal-liġijiet eżistenti kif ukoll evalwazzjoni stretta tal-effettività tagħhom qabel l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida;***

Or. en

Emenda 275
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta; ***jistieden lill-Kummissjoni tipprojbixxi kwalunkwe għaqda jew akkwiżizzjoni għal kumpaniji li bħalissa huma definiti bħala gwardjani skont l-Artikolu 3 tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;***

Or. en

Emenda 276
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta; ***tiġi miġġielda d-distorsjoni tal-mekkaniżmi tal-kompetizzjoni min-naħa tal-pjattaformi kbar tal-web;***

Or. it

Emenda 277
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta ***u jisħaq li l-Kummissjoni għandu jkollha persunal adegwat għall-infurzar***;

Or. en

Emenda 278
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni***, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali,*** biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

Or. es

Emenda 279
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għall-infurzar ***vigoruż*** tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni***, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali,*** biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u	19. Jappella għall-infurzar tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 280
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jappella għall-infurzar*** vigoruż ***tar-regoli*** kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;	19. ***Jistieden lill-Kummissjoni tinforza b'mod*** vigoruż ***u effettiv ir-regoli*** kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 281
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza r-riskju li l-gwardjani jisfruttaw l-aċċess privileġġat tagħhom għall-inputs essenzjali tal-IA bħad-data, l-infrastruttura tal-computing, il-cloud u jimponu kundizzjonijiet inġusti jew jużaw prattiki antikompetittivi kontra l-kompetituri tagħhom sabiex jaħtfu s-suq tal-IA; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu vvalutati bir-reqqa l-ftehimiet ta' kooperazzjoni u għaqdiet bejn il-gwardjani li huma wkoll fornituri tal-IA u n-negozji ġodda biex jiġi pprevenut kwalunkwe riskju ta' monopolju fis-settur li qed jevolvi malajr

tat-teknoloġiji tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li żżid l-IA ġenerattiva bħala servizz ta' pjattaforma ewlenija ġdid fl-ambitu tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 282
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-importanza li l-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) jiġu approvati abbażi tal-kontribut probabbli tagħhom f'dak li huwa effett konsegwenzjali ekonomiku fl-UE, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, kif ukoll l-impatt pożittiv lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 283
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jappella għal azzjoni dwar it-tassazzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni ta' taxxa minima globali u l-approvazzjoni tal-ewwel pilastru tal-proġett BEPS (Erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti), jew ta' miżuri ispirati minnu;

Or. it

Emenda 284
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jappella għall-estensjoni urġenti tal-Att dwar is-Swieq Diġitali għal prattiki antikompetittivi fis-setturi tal-IA u tal-cloud, inkluż billi meta jkun meħtieġ tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni;

Or. en

Emenda 285
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tinforza b'mod xieraq l-Att dwar is-Swieq Diġitali u jinnota s-sitt proċeduri ta' nuqqas ta' konformità mnedija kontra xi gwardjani dežinjati; huwa mħasseb ħafna dwar id-dewmien potenzjali f'investigazzjonijiet kruċjali u l-kapaċità tal-Kummissjoni li tirrispetta l-obbligi tal-"aħjar sforz" tagħhom u li tieħu deċiżjoni dwar il-proċeduri ta' nuqqas ta' konformità fi żmien 12-il xahar; jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi dawk l-investigazzjonijiet mill-aktar fis possibbli u toħroġ multi meta jkun xieraq;

Or. en

Emenda 286

Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jilqa' l-ewwel deċiżjoni finali skont ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin li ttieħdet f'Settembru 2024; jisħaq fuq il-importanza ta' din l-għodda l-ġdida u l-ħtieġa li jitnedew investigazzjonijiet fi żmien xieraq peress li żewġ investigazzjonijiet fil-fond imnedija fl-ambitu tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin wasslu biex l-operaturi ekonomiċi ssuspettati b'sussidji barranin inġusti jabbandunaw huma stess l-offerti pubbliċi u l-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura r-riżorsi adegwati u suffiċjenti biex tinforza dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 287
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jilqa' l-ewwel żewġ proċedimenti ta' speċifikazzjoni skont l-Artikolu 8(2) tal-Att dwar is-Swieq Diġitali biex jgħinu lil gwardjan dežinjat partikolari[1a] jikkonforma mal-obbligi ta' interoperabbiltà tiegħu fl-ambitu tal-Att dwar is-Swieq Diġitali u li jifformalizzaw id-djalogu regolatorju ħalli tiġi żgurata konformità effettiva mal-obbligi tal-Att dwar is-Swieq Diġitali; jenfasizza li t-trawwim ta' interoperabbiltà akbar, inkluż bejn is-servizzi tal-gwardjani, jipprovdi vantaġġi sinifikanti għan-negozji u għall-konsumaturi Ewropej; jistieden lill-

Kummissjoni tieħu azzjoni malajr u deċiżiva biex timplimenta u tinforza l-miżuri korrettivi meħtieġa;

[1a] ***https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-starts-first-proceedings-specify-apples-interoperability-obligations-under-digital-2024-09-19_en***

Or. en

Emenda 288
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***19e. Jilqa' l-adozzjoni tal-Att dwar id-Data li jippermetti lill-klijenti jaqilbu bejn minn fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data cloud għal ieħor, iżda jenfasizza li huma meħtieġa wkoll regoli u rimedji addizzjonali biex terġa' tinkiseb kompetizzjoni ġusta u ugwali fis-suq Ewropew tal-cloud; jesprimi dispjaċir għall-fatt l-ebda fornitur ta' servizzi ta' cloud ma ġie ddeżinjat bħala gwardjan skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jinvestigaw prattiki antikompetittivi fis-suq tal-cloud, inklużi termini kumplessi ta' liċenzjar, raggruppament obbligatorju u inċentivi kummerċjali li joħolqu dipendenzi fit-tul fuq bejjiegħa waħdiena tal-cloud; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri biex tirrestrinġi prattiki bħal dawn fejn dawn jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni u jillimitaw l-għażla tal-klijenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati prattiki diskriminatorji ta' liċenzjar tas-software li joħolqu żvantaġġi artifiċjali fil-prezzijiet għall-forniturи tal-**

cloud kompetituri;

Or. en

Emenda 289
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi, ***inklużi dawk tas-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija tal-unitajiet domestiċi,*** u ***jappella għal*** integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq ***fejn hemm*** benefiċċji għall-konsumaturi;	20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi u ***jenfasizza l-importanza ta'*** integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq ***sakemm din l-integrazzjoni twassal għal*** benefiċċji ***ċari*** għall-konsumaturi; ***ifakkar li l-integrazzjoni tas-suq ma għandhiex tkun xprunata minn interventi tal-Istat li joħolqu distorsjoni tal-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa, iżda għandha tkun imrawma f'qafas li jippromwovi l-kompetizzjoni effettiva, l-innovazzjoni u l-aċċess ekwu għas-servizzi;***

Or. es

Emenda 290
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi, inklużi dawk tas-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija tal-unitajiet domestiċi, u jappella għal integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq fejn hemm benefiċċji għall-konsumaturi;	20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi, inklużi dawk tas-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija tal-unitajiet domestiċi, u jappella ***kemm*** għal integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq fejn hemm benefiċċji għall-konsumaturi ***kif ukoll għall***

rikonoxximent akbar tal-benefiċċji tal-konsumatur li jistgħu jiġu ġġenerati permezz ta' konsolidazzjoni fis-suq li tmexxi l-investiment u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 291
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi***, inklużi dawk tas-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija tal-unitajiet domestiċi***, u jappella għal integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq fejn hemm benefiċċji għall-konsumaturi;	20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq ***mhux regolatorji*** tal-konsumaturi, u jappella għal integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq fejn hemm benefiċċji ***għall-Istati Membri u*** għall-konsumaturi;

Or. fr

Emenda 292
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Huwa mħasseb dwar il-konċentrazzjoni għolja fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, is-settur tal-agrikoltura u s-settur awtomobilistiku fit-territorji ekstra-Ewropej fejn il-prezzijiet eċċessivi stabbiliti minn impriżi dominanti fuq prodotti u servizzi essenzjali jamplifikaw l-inugwaljanzi, il-prekarjetà u d-disparitajiet territorjali; jistieden b'mod urġenti lill-Kummissjoni Ewropea tniedi

	investigazzjoni dwar abbuży potenzjali tal-pożizzjoni dominanti fl-ambitu tal-Artikolu 102 tat-TFUE;

Or. en

Emenda 293
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	***imħassar***

Or. es

Emenda 294
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	***imħassar***

Or. de

Emenda 295
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 296
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE; ***huwa mħasseb ħafna dwar il-konċentrazzjoni għolja kontinwa fis-suq tal-awditjar tal-Entitajiet ta' Interess Pubbliku (PIE) mir-riforma tal-2014, b'erba' ditti li għandhom aktar minn***

86 % tad-dħul tal-UE għall-awditi tal-PIE, li jillimitaw l-għażla u jirriskjaw li jsirulhom kontrolli mill-awtoritajiet ta' sorveljanza; jenfasizza li d-domandi dejjem jiżdiedu tal-awditjar, bħal skont id-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali/Att dwar is-Swieq Diġitali, jamplifikaw dawn ir-riskji lil hinn mis-swieq finanzjarji lill-konsumaturi u liċ-ċittadini; jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas affidabbli ta' Rapportar Korporattiv u ekosistema kompetittiva tal-awditjar biex jiġu appoġġjati deċiżjonijiet informati dwar l-investiment u tiġi pprevenuta l-malprassi; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni, ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, biex tiddiversifika s-suq tal-awditjar tal-PIE u ttejjeb il-kwalità tal-awditjar għal suq uniku reżiljenti;

Or. en

Emenda 298
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, ***kif ukoll id-dipendenza*** żejda sostnuta ***tiegħu*** fuq forniturи ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, ***li jħalli impatt fuq il-valur għall-flus tal-klijenti u d-dipendenza*** żejda sostnuta ***tas-settur*** fuq forniturи ta' servizzi li mhumiex fl-UE; ***jappella għal sforzi ġodda biex titlesta l-unjoni bankarja u biex il-Kummissjoni tikkunsidra miżuri biex ittejjeb is-suq uniku għall-assigurazzjoni li, min-naħa tagħhom, se jtejbu l-kompetittività tas-swieq domestiċi f'kull Stat Membru;***

Or. en

Emenda 299
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE ***f'diversi oqsma inklużi l-ESG u l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, l-immaniġġjar tal-pagamenti, l-immaniġġjar ta' kuntratti tad-derivattivi, il-forniturі ta' servizzi għaċ-ċibersigurtà u għall-awditjar***;

Or. en

Emenda 300
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE***, li jwasslu għal tixrid tal-kompetittività tan-negozji għall-benefiċċju ta' pajjiżi mhux tal-UE***;

Or. it

Emenda 301

Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota bi tħassib ***il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur*** finanzjarju Ewropew***, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu*** fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;	21. Jinnota bi tħassib ***id-dipendenza żejda tas-settur*** finanzjarju Ewropew fuq ***għadd limitat ta'*** fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;

Or. en

Emenda 302
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza l-ħtiġijiet futuri ta' konnettività tal-UE f'termini ta' infrastruttura u investiment; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra reviżjoni tal-prattika tal-kompetizzjoni attwali għas-suq tat-telekomunikazzjoni, li ma ppermettietx l-għaqdiet tal-operaturi ta' networks mobbli minn erbgħa għal tlieta, sabiex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' suq uniku integrat bis-sħiħ għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni; jinnota li l-konsolidazzjoni tas-suq tista' tkun l-uniku mod biex jiġi evitat il-bejgħ frammentat ta' infrastruttura lil kumpaniji barranin mhux mill-UE; jirrimarka li t-tkabbir ta' dan is-settur fl-Ewropa kien limitat ħafna matul l-aħħar deċennju u li l-frammentazzjoni hija r-raġuni ewlenija għal dan; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta l-ġdida għal Att dwar in-Networks Diġitali, li għandha l-għan li tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq, tattira l-investiment, tiżgura l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni u

tippromwovi l-innovazzjoni mingħajr spejjeż addizzjonali għall-konsumaturi u mingħajr ma tipperikola l-kompetizzjoni ġusta fis-suq bejn l-atturi kollha;

Or. en

Emenda 303
Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jinnota bi tħassib il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fil-livell tan-NU bħala konsegwenza tar-Regolament (UE) 575/2013 u tad-Direttiva 2013/36/UE kif aġġornati bir-Regolament (UE) 2024/1623, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta' sidien ta' parteċipazzjoni transsettorjali skont ir-regoli settorjali (l-hekk imsejjaħ "kompromess Daniż"); jilqa' l-miżura adottata permezz tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2025/2, dment li l-Kummissjoni tkun meħtieġa tippreżenta, sal-31 ta' Diċembru 2027, Rapport dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu msemmi minn perspettiva tal-kompetizzjoni; jappella għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal suġġetti finanzjarji mhux konglomerati; jisħaq fuq l-importanza u l-urġenza tar-Rapport imsemmi hawn fuq u jirrakkomanda lill-Kummissjoni tantiċipa l-iskadenza tal-preżentazzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 304
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jibqa' mħasseb ħafna dwar il-konċentrazzjoni wiesgħa ħafna fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari; itenni l-appell tiegħu għall-Kummissjoni biex twettaq b'urġenza analiżi fil-fond tal-firxa u l-effett tal-alleanzi tax-xiri, u b'hekk tiddedika attenzjoni speċjali biex tiggarantixxi kompetizzjoni ġusta u trasparenza akbar fil-prattiki kummerċjali tal-ktajjen tal-hypermarkets u tas-supermarkets, b'mod partikolari fejn tali prattiki jaffettwaw il-valur tad-ditta u l-għażla tal-prodott jew jillimitaw l-innovazzjoni jew il-komparabbiltà tal-prezzijiet; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tapprofondixxi l-għarfien tagħha dwar dawn l-alleanzi u l-effetti tagħhom, mhux biss fuq il-prezzijiet iżda wkoll fuq il-kapaċità tal-bdiewa u tal-manifatturi agroalimentari li jipprovdu prodotti tajbin għas-saħħa, sikuri u sostenibbli lill-konsumaturi Ewropej;

Or. en

Emenda 305
Martin Schirdewan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Huwa mħasseb ħafna dwar il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel u l-livelli għoljin ta' konċentrazzjoni tas-suq u sjieda finanzjarja fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel li potenzjalment jiddiżinċentivaw il-kompetizzjoni u jiffaċilitaw iż-żidiet inġusti fil-prezzijiet; jappella għal investigazzjoni settorjali bir-reqqa tas-saħħa fis-suq u s-sjieda finanzjarja fil-ktajjen alimentari tal-UE u l-

implimentazzjoni ta' rimedji strutturali inklużi l-prevenzjoni ta' għaqdiet u akkwiżizzjonijiet ulterjuri; jappella għal reviżjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE biex l-infurzar tagħha jiġi allinjat mal-objettiv li l-imġiba korporattiva għandha tirrispetta d-dritt fundamentali tal-konsumaturi għal ikel bi prezz raġonevoli;

Or. en

Emenda 306
Aleksandar Nikolic, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jappella, minħabba n-natura strateġika tagħhom, għall-preżervazzjoni u għad-difiża nazzjonali tal-industriji u għal suq komuni għall-industrija tad-difiża, kif ippreżentat fir-rapport ta' Enrico Letta, u li dawn jinftiehmu biss bħala suq li jiffavorixxi t-teħid ta' ordnijiet bejn l-Istati Membri u l-industrijalisti Ewropej, għal kooperazzjoni bejn l-industrijalisti meta din tkun fl-interess tad-difiża nazzjonali kif ukoll għal indipendenza strateġika li b'mod ġenerali tkun aktar Ewropea fi kwistjonijiet ta' difiża;

Or. fr

Emenda 307
Niels Fuglsang, Lara Wolters, Adnan Dibrani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni

tipproponi leġiżlazzjoni li tagħti mandat biex id-ditti tal-kontabbiltà jiġu seperati b'mod strutturali mis-servizzi finanzjarji, mis-servizzi tat-taxxa u minn servizzi konsultattivi oħra biex jiġu pprevenuti kunflitti ta' interess; jesprimi dispjaċir għall-fatt li waħda mill-Erba' ditti l-Kbar tal-kontabbiltà naqset milli ssegwi l-pjan imħabbar tagħha għal attivitajiet separati ta' awditjar u ta' konsulenza[1a], li jenfasizza l-ħtieġa ta' intervent regolatorju f'dan il-qasam;

[1a] https://www.theaccountant-online.com/news/ey-calls-off-audit-advisory-split/?cf-view

Or. en

Emenda 308
Adnan Dibrani, Eero Heinäluoma, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jinnota bi tħassib li l-banek tal-UE għandhom profitti netti għoljin matul il-perjodu inflazzjonarju, potenzjalment għad-detriment tal-konsumaturi u tan-negozji ż-żgħar; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tinvestiga bir-reqqa din il-kwistjoni u, jekk jiġu identifikati xi irregolaritajiet jew ħsarat, tvara l-istrumenti kollha disponibbli biex tiżgura kompetizzjoni ġusta fis-settur bankarju Ewropew;

Or. en

Emenda 309
Evelyn Regner, Irene Tinagli, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jinnota bi tħassib iż-żieda fl-ispekulazzjoni tal-akkomodazzjoni, li tgħolli l-prezzijiet u tillimita l-affordabbiltà; jisħaq li din tagħmel ħsara lill-kompetittività tal-UE billi tnaqqas il-mobbiltà, iżżid l-inugwaljanza u billi tħalli l-effetti tagħha fuq l-istabbiltà soċjali; jappella għal regolamenti aktar stretti biex titnaqqas l-ispekulazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat suq tal-akkomodazzjoni ġust li jappoġġja t-tkabbir ekonomiku u l-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 310
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-akbar tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għad għandhom sehem mis-suq ta' aktar minn 90 %; jappella għall-ħolqien ta' aġenzija pubblika Ewropea tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala alternattiva imparzjali u fdata għall-aġenziji eżistenti; jesprimi dispjaċir għall-problemi ta' konċentrazzjoni u ' kunflitt ta' interess fis-suq tal-awditjar;

Or. en

Emenda 311
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetittività tas-suq intern tal-Istati Membri, anke permezz ta' miżuri ta' protezzjoni u ta' għajnuna mill-Istat diretti lejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li, fin-negozju tagħhom, huma kkaratterizzati min-natura tipika tal-prodott marbuta mal-karatteristiċi tal-ambjent, il-klima u t-territorju;

Or. it

Emenda 312
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni biex ma ttawwalx il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-għajnuna operatorja lill-ajruporti reġjonali kollha fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat lill-ajruporti u lil-linji tal-ajru;

Or. en

Emenda 313
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq fuq it-tħassib tiegħu dwar il-konċentrazzjoni għolja tas-suq fil-

katina tal-provvista agrikola u alimentari Ewropea għad-detriment tal-konsumaturi, tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u tal-bijodiversità;

Or. en

Emenda 314
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jinnota d-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2024 fil-qafas tal-investigazzjoni antitrust dwar il-possibbiltà ta' prattiki antikompetittivi minn Microsoft b'rabta ma' Teams, li fiha l-Kummissjoni esprimiet il-fehma preliminari tagħha li Microsoft għaqqdet il-prodott ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni tagħha Teams mal-applikazzjonijiet ta' produttività inklużi f'suites għan-negozji Office 365 u Microsoft 365; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tikkonkludi din l-investigazzjoni antitrust bir-reqqa sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha tas-suq, filwaqt li tindirizza t-tħassib tal-konsumaturi, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà u pprezzar;

Or. en

Emenda 315
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jinnota bi tħassib partikolari l-pożizzjoni dominanti ta' żewġ Skemi Internazzjonali tal-Kards fis-suq tal-pagamenti tal-UE u l-prattiki tagħhom li jsaħħu u jestendu d-dominanza tagħhom fis-suq tal-pagamenti diġitali tal-UE, u dan potenzjalment iwassal għal aktar ostakli għad-dħul u jxekkel l-innovazzjoni fit-tul[1b] kif ukoll iwassal għal spejjeż ogħla għan-negozji tal-UE u fl-aħħar mill-aħħar għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjonijiet deċiżivi, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' rieżami tar-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda sinifikanti fit-tariffi tal-iskemi tal-kards mitluba minn skemi internazzjonali tal-kards u jiġi żgurat ambjent tas-suq ġust, kompetittiv u trasparenti;
	[1b] Ara r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Pagamenti Diġitali fl-UE: https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2025-01/SR-2025-01_MT.pdf

Or. en

Emenda 316
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jirrimarka li s-suq tal-awditjar huwa wieħed mill-aktar swieq ikkonċentrati fl-Unjoni, li fih l-Erbgħa ditti l-Kbar għandhom sehem mis-suq ta' aktar minn 90 %; ifakkar li l-grad għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-suq tal-awditjar huwa theddida rikonoxxuta għal

żmien twil għall-istabbiltà tas-suq finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar ir-riforma tas-suq tal-awditjar li ssaħħaħ ir-reġim ta' superviżjoni, tindirizza l-lakuni u l-eċċezzjonijiet tal-Istati Membri u tintroduċi regoli biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tevita li l-istituzzjonijiet pubbliċi u d-ditti tal-awditjar ikollhom rabtiet mill-qrib, inklużi fl-operazzjonijiet tagħha stess;

Or. en

Emenda 317
Adnan Dibrani, Eero Heinäluoma, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jinnota bi tħassib indikazzjonijiet ta' riskju ta' dinamika inflazzjonarja u ta' mġiba mhux kompetittiva fis-setturi tal-ikel li kkontribwew għaż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ikel f'dawn l-aħħar snin għad-detriment tal-konsumaturi Ewropej; jappella wkoll għal attivazzjoni urġenti tal-għodod tal-kompetizzjoni disponibbli biex jiġu investigati dawn is-swieq mingħajr dewmien; filwaqt li tiġi vvalutata wkoll il-ħtieġa li tiġi implimentata "għodda ġdida għall-kompetizzjoni" biex jiġu indirizzati kwistjonijiet strutturali tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 318
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jinnota bi tħassib il-konċentrazzjoni tas-suq fil-kummerċ tal-komoditajiet agrikoli fejn erba' kumpaniji jirrappreżentaw sa 90 % tal-kummerċ globali taċ-ċereali u 60 % tal-kummerċ globali taċ-ċereali, taż-żrieragħ żejtnija u tal-għelejjel li fihom il-proteini; ifakkar fil-qosor il-Competition Merger Brief ta' Novembru 2024 ippubblikat mill-Kummissjoni li jitkellem dwar "suq forma ta' klessidra" li fih ftit kumpaniji "jiġġeneraw profitti billi jixtru prodotti agrikoli u jbigħuhom mill-ġdid, kif inhuma jew f'format ipproċessat, bi prezz ogħla"; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni xorta waħda approvat b'mod kondizzjonali l-għaqda bejn Bunge u Vittera (M.11204) minkejja tħassib dwar il-kompetizzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' poter f'idejn ftit parteċipanti kbar f'dan is-suq biex issaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar kemm tal-bdiewa kif ukoll tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 319
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 320
Lara Wolters, Jonás Fernández, Claire Fita, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;	22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni ***u jwissi dwar id-dipendenza żejda fuq strumenti legali nonvinkolanti bħall-gwida u l-oqfsa temporanji li fihom il-Parlament ma tantx huwa involut***; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni ***biex tifformalizza l-prijoritajiet ta' infurzar tagħha lill-Parlament***; ***jistieden lill-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 48(7)(2) tat-TUE li tippermetti l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;***

Or. en

Emenda 321
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;	22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni; ***jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut aktar fl-attività tal-gruppi ta' ħidma u tal-gruppi ta' esperti***

fl-ICN u fl-OECD bħala osservatur iżda wkoll fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 322
Martin Schirdewan, Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jisħaq li l-Parlament għandu ***jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika*** tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;	22. Jisħaq li l-Parlament għandu ***jfassal il-politika*** tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni; ***jitlob li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tiġi estiża bis-sħiħ biex tkopri l-leġiżlazzjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni;***

Or. en

Emenda 323
Pierre Pimpie, Aleksandar Nikolic

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut ***b'mod suffiċjenti*** fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;	22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut ***aktar mill-qrib*** fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;

Or. fr

Emenda 324

Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Viċi President Eżekuttiv, li hija wkoll il-Kummissarju responsabbli inkarigata mill-politika tal-kompetizzjoni biex tibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-Kumitat kompetenti tal-Parlament u mal-grupp ta' ħidma tiegħu dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 325
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-membru responsabbli tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-politika tal-kompetizzjoni biex jibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u l-grupp ta' ħidma tiegħu dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 326
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva

dwar il-politika tal-kompetizzjoni, li tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Parlament, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill;

Or. it